Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,662, 28 ta' Awissu, 1998
Taqsima B

A.L. 213 ta' l-1998

ATT TA' L-1991 DWAR IL-KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TA' L-ILMA (ATT NRU. XXIII TA' L-1991)

Regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura ta' l-Ilma (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 27 u 45 ta' l-Att ta' l-1991 dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, bl-approvazzjoni tal-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi u Kostruzzjoni, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura ta' l-Ilma (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1948 dwar il-Fornitura ta' l-Ilma, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". G.N. 133 ta' l-1948.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fil-5 ta' Novembru, 1997, iżda m'għandhomx japplikaw għall-kontijiet maħruġa skond l-ewwel qari ta' l-arloġġi meħud wara dik id-data.

Jemenda l-paragrafu 2 ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara l-paragrafu 2 ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan il-proviso li ġej:

"Iżda, jekk il-konsumatur juri għas-sodisfazzjon tal-Korporazzjoni li, barra mir-residenza tiegħu kif stabbilita skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, huwa għandu wkoll irreġistrati f'ismu —

(a) bini ieħor wieħed li hu wkoll juża biex jgħix fih, u/jew

(b) garaxx, li jintuża biss għal użu domestiku u/jew biex jitqegħdu vetturi mhux kummerċjali jew industrijali,

dak il-konsumatur ikun intitolat għal sussidju li jiġi kalkulat bħal li kieku persuna waħda biss tgħix f'kull wieħed minn dawk il-binjiet.".

Jemenda l-paragrafu 4 ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok il-paragrafu 4 ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"4. Meta konsumatur, irrispettivament mill-età tiegħu, jissodisfa lid-Direttur (Sigurtà Soċjali) li la hu impjegat u lanqas ma hu persuna li timpjega lilha nnifisha, u li qiegħed jgħix waħdu fil-familja, jew li jkun qed jgħix flimkien ma' martu jew żewġha, jekk ikun il-każ, b'esklużjoni ta' membri oħra, u li jkollu dħul li meta jiġi kkalkulat skond ma hemm fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jkun jintitola lilu jew lil martu, skond il-każ, għal dik il-għajnuna, dak il-konsumatur, għal kull perijodu ta' erba' xhur, ikollu l-jedd għal tnaqqis (b'żieda mas-sussidju mogħti f'paragrafu 2 ta' din l-Iskeda) ta' Lm8 mill-ħlas tas-servizz għal servizz wieħed imqiegħed fil-bini:

Iżda ebda skont bħal dan ma għandu jiġi mogħti jekk id-Direttur (Sigurtà Soċjali) ma jiċċertifikax li l-konsumatur ikun intitolat għall-imsemmi skont skond dawn id-dispożizzjonijiet jew meta d-Direttur (Sigurtà Soċjali) iqis li membri oħra li jkunu qed jgħixu mal-konsumatur ikunu qed jiffurmaw familja għal rashom:

Iżda wkoll, il-Ministru responsabbli għas-sigurtà soċjali jista' jagħti dak it-tnaqqis għal dawk l-istituzzjonijiet filantropiċi li dak il-Ministru jiddikjara bħala li jistħoqqilhom jingħataw għajnuna finanzjarja.".